# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU: 2542

**Kaz Numru : 3458/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Brian Farrugia (ID: 114785M)**

**u**

**Arkadia Marketing Ltd**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M. Qual, B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju, 2018**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors pprezentat mir-rikorrent Brian Farrugia fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-15 ta' April, 2016, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn mas-socjeta' intimata, ma hijiex wahda gusta u kienet motivata minn ragunijiet li mhumiex tajba u bizzejjed skont il-ligi ghall-finijiet ta' terminazzjoni tal-impjieg u talab lit-Tribunal jaghti l-provedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz li s-socjeta' intimata taccetta li l-esponent lura ghax-xoghol u thallas lill-esponent kumpens gust.

Minn naha taghha s-Socjeta' Arkadia Marketing Ltd fl-istqarrija taghha tghid li dan il-kaz ma jaqax taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal stante illi l-appellant irrezenja minn jeddu u ghalhekk se mai irid jipprocedi quddiem il-Qorti Civili.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan l-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

**Rapprezentanza**

Brian Farrugia, li minn issa l-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Franco Galea.

Arkadia Marketing Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata, kienet irraprezentata mill-Avukat Andrew Borg-Cardona.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie ngaggat mas-Socjeta' ntimata fuq bazi full-time bhala 'Stacker' ghal dawn l-ahhar hdax –il sena. Nhar il-25 ta' Jannar 2016 huwa gie infurmat illi huwa ser jigi itterminat minn fuq il-post tax-xoghol allegatament in segwitu ghal ragunijiet dixxiplinari, izda nghata l-ghazla li jirrizenja minflok jitkecca. L-ahhar gurnata tal-impjieg tar-rikorrent kienet dik tal- 25 ta' Jannar 2016 fejn l-esponenti gie mgieghel li jiffirma dikjarazzjoni li kien qieghed jirrizenja, liema dikjarazzjoni, skont l-istess rikors, giet addirittura ddetata lilu. Ir-rikorrent jghid ukoll li dejjem ghamel xogholu bl-ahjar mod possibbli u fil-fatt l-HR Manager ta' l-istess socjeta' anke ghamlitlu ittra ta' rakkomandazzjoni in segwitu ghat-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol.

Minn naha taghha s-Socjeta' tghid, minghajr pregudizzju, li dan il-kaz ma jistax jitqies bhala "constructive dismissal", peress illi l-appellant kien irrezenja ghal darba darbtejn. L-ewwel okkazzjoni li rrezenja kien waqt il-process dixxiplinarju u nghata cans li johrog mill-kamra u jikkonsulta ruhu, fejn dan ghamel hekk u meta rega' dahal, informa lil dawk prezenti li xtaq jirrezenja u talab illi jghinuh jikteb l-ittra necessarja.

Aktar tard kien talab li jmur lura fuq dak li qal u gie nfurmat illi allura fic-cirkostanzi, ser ikun imkecci ghar-ragunijiet li: *jahli l-hin u jiskarta d-doveri tieghu waqt il-hin tax-xoghol.* Gurnata wara talab li jirrezenja u din it-talba giet accettata. L-Istqarrija tas-socjeta' tghid ukoll li gie pprocessat b'passi dixxiplinarji skond il-procedura nterna u nghata l-opporttunita' li jisma' l-akkuza u jiddefendi ruhu. Kien rinfaccjat bil-fatt illi kien gie riskontrat fil-konfront tieghu illi kellu diversi sieghat li waqthom kien qed jahli l-hin u jitlajja, flok jaqdi d-doveri tieghu. Tghid ukoll li ma nnegax, anzi kkonferma u li diga kellu "warning" dwar dan it-tip ta' attegjament.

**Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Charmaine Sultana** qalet li hija bdiet tahdem mas-Socjeta' ntimata fil-bidu ta' Jannar 2016 bhala *HR Manager.* Hija qalet li darba f'xahar il-Manager ta' Portomaso, fejn kien jahdem is-Sur Farrugia jaghmel certu checks fuq l-intruder alarm. L-intruder alarm logs fih ikun hemm irregistrat meta jinfetah u jinaghalaq il-hanut. Meta kienu qed jigu ccekjati is-CCTV dehru affarijiet strambi, bazikament li s-Sur Brian Farrugia kien qed jidhol u jippancja u mal-ewwel imur l-istaff room u jirritorna wara certu hin, perjodu li ma jkunx il-break. Dan gie nnotatat li kien ikun twil 20 minuta jew 30 minuta u fuq perjodu ta' 3 gimghat ammonta ghal sitt sighat. Biex gew ikkalkulati s-sitt sighat tnaqqsu minnhom il-hin li kien jasal kmieni fuq il-post tax-xoghol.

Fil-25 ta' Jannar issejjah quddiem Charmaine, Edric u Shirley u gie spjegat lilu s-sitwazzjoni. Huwa ammetta u qal li sehhew affarijiet li ma messhomx saru. Gie offrut lilu li jirrezenja minflok jitkecca, u huwa hareg mill-kamra biex jikkonsulta ruhu. Dahal lura u accetta li

jirrezenja u talab li jghinuh jaghmel l-ittra u ntuzat termination form normali. Aktar tard dik il-gurnata xi l-4.00pm baghat email lil HR stess u qallha li qed jirtira r-rezenja. Hija kkonsultat mal-avukat tal-kumpanija u baghtet tghidlu li se jitkecca. L-ghada huwa nfurmahom li se jirrezenja u l-kumpanija accettat. Mal-Jobsplus, ix-xhud ikkonfermat li hu rregistrat li rrezenja. Mix-xhieda hareg ukoll li l-intruder alarm installha Edric, hareg ukoll li r-rikorrent ma ntweriex il-footage imma urewh il-hinijiet ta' skartar. F'Awwissu tas-sena 2015 inghata warning fuq l-istess sitwazzjoni. Mix-xhieda hareg ukoll li l-haddiema kollha jitharrgu minn zmien ghal zmien fuq manual, u induction training ta' kwazi gurnata malli jibdew l-impjieg. Minkejja din l-assikurazzjoni, ix-xhud ma seghetx tikkonferma jekk ir-rikorrent inghatax dan it-tahrig ghax ma kinitx impjegata mas-socjeta' dak iz-zmien.

Ix-xhud ikkonfermat li postu mtela' minn impjegat iehor li harget is-sejha kif temm l-impjieg Farrugia.

**Edric Sultana** bhala Stores Manager spjega kif hu, flimkien ma l-HR Manager Charmaine Sultana u Shirley tawh ic-cans kollu biex qabel jitkecca jiehu parir u gie skuzat mill-kamra biex jikkonsulta'. Ix-xhud ikkonferma li kemm Charmaine u kemm hu stess fehmuh l-options li kellu jekk iridx li joffri rizenja jew ihalli f'idejhom u jitterminawh. Qal li huma baqghu fil-kamra u r-rikorrent hareg ghal ftit minuti biex jikkonsulta ruhu. Dahal lura u qal li ddecieda li jirrezenja u jaghmel resignation letter u talab li jghinuh jaghmilha. Talbuh l-affarijiet tal-kumpanija u cwievet tal-locker. Ix-xhud qal li ma jistax jiftakar min ippreparaha l-kitba li hemm fuq ir-rizenja u staqsieh jekk ir-rikorrent jafx kellux tahrig legali kif inhu indikat fil-kitba fid-dokument. Huwa sostna li ma jafx il-kapacitajiet tieghu u ma jiftakarx min idetta. Spjega wkoll kif kienu tlaqqghu hu, Shirley u Charmaine u baghtu ghalih waqt li kien qed jaqdi dmiru. Spejga wkoll li CCTV jaqbad lil kull min ikun diehel u hiereg mill-bieb tas-supermarket, ikunu fejn ikunu sejrin, sew lejn il-carpark, sew lejn it-toilet u sew fejn jiehdu l-break, jihdru dejjem mill-istess camera fejn l-istess entratura. Huwa qal li huwa accettabli li wiehed imur jaqdi l-bzonnijiet naturali tieghu imma dawn m'ghandhomx ikunu ta' xi nofs siegha, imma ftit minuti.

Huwa qal li meta gie tterminat ir-rikorrent harget vacancy interna u mtliet minn section ohra u wara harget vacancy esterna biex timtela' l-vakanza li nholqot fid-dipartiment l-iehor.

**Shirley Grixti** bhala Chief HR Manager Mizzi Organization qalet kif fil-25 ta' Jannar ghal habta nofs inhar, hi flimkien ma Charmaine u Edric spjegawlu l-evidenza u l-gravita' tal-kaz. L-attitudni tar-rikorrent kienet wahda tajba u li ghamel huwa ghagir aggravat u li se jipprocedu bit-terminazzjoni u offrewlu jekk iridx jirrezenja minn jeddu. Qalet li nsistew li jiehu parir u jahsibha qabel ma jiddeciedi, spjagawlu wkoll kif jekk jirrezenja minn jeddu jahfrulu l-flus li jrid ihallas tan-notice. Qalet li dahal lura u qallhom li se jirrezenja. Ix-xhud qalet li ma tiftakarx jekk hux hi stess jew il-kollega l-ohra ddettaw ir-rizenja u kkonfermat li l-kitba hija tar-rikorrent innifsu. Qalet li wara baghat email lil Charmaine fejn qallha li biddel fehmtu u xtaqhom jipprocedu u jitterminawh. Qalet ukoll li l-ghada jigifieri fis-26 ta' Jannar rega' baghat email u kkonferma li rega' biddel fehmtu u ried li jirrezenja minn jeddu, u huma minn naha taghhom regghu accettaw. Ix-xhud qalet li dak inhar marru Portomaso bil-hsieb li jsehh dan il-meeting li matulu gew itterminati/irrezenjaw madwar hamsa minn nies. Kollha baghtu ghalihom fl-istess jum wiehed wara l-iehor u kollha spiccaw dak inhar stess. Il-process kollu ta' tkeccija u finalment rizenja minn naha tar-rikkorent ha b'kollox 45 minuta. Qalet ukoll li r-rikorrent kien ilu jahdem maghhom ghal madwar hdax –il sena. Ghal-mistoqsija tat-Tribunal jekk hemmx xi prattika ta' process dixxiplinarju bhala kumpanija, ix-xhud qalet li huma ghandhom Manual li fih hemm miktub x'jista' jwassal ghal twissija

verbali jew bil-miktub u x'jista jwassal ghal tkeccija jekk kemm il-darba l-ghagir ikun aggravat.

**Brian Farrugia** qal li dak inhar kienet gurnata normali tax-xoghol bhala stacker f'Portomaso u ghal habta ta' nofsinhar giet l-HR il-gdida li kien ghadu qatt ma ltaqa' maghha. Huwa qal li waqt dan il-meeting ma urewh l-ebda provi, l-ebda filmat jew dokumenti imma qalulu li kien inqabad fuq il-cameras jiskarta waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud qal li Shirley qaltlu li jew jirrezenja jew jitkecca u tatu l-parir li kieku kien binha kienet tghidlu biex jaghzel li jirrezenja. Huwa spjega kif hassu mifxul u hareg barra mill-kamra, fuq parir taghhom stess biex jikkunsulta ma' xi hadd. F'mohhu gieh ir-ragel t'ohtu u fetah qalbu mieghu u x-xhud qal li ma tantx seta' jghinu u hu stess iddecieda fi ftit minuti li jirrezenja; inghata karta u gie ddettat lilu x'ghandu jikteb. Wara biddel fehmtu u baghat email li biddel fehmtu u qalulu li allura se jkeccuh u wara rega' biddel fehmtu u qallhom li se jirrezenja. Ix-xhud sahaq li dan ghamlu ghax ma kellux ghazla fil-fatt u bezzghuh li jkun ahjar ghalih li jirrezenja. Huwa qal ukoll li wara sab xoghol ghax tkellmulu shabu fejn qalu li hu ma ghamel xejn aggravat. Dan hass li ghandu jaghmlu ghax lill-employer il-gdid qallu bil-verita' li kien ilu hdax –il sena jahdem mal-Arkadia, li matulhom mix-xhieda hareg li ha 5 t'ijiem biss sick leave u li dejjem beza ghal hobzu, hass li ghandu jghid il-verita' li r-rizenja kienet tkeccija. Huwa qal ukoll li qatt ma skarta jew illarga bil-mohbi imma ghamel ezatt bhal ta' fuqu u quddiem kulhadd u kull darba li kien ikun sejjer jillarga ghal xi tazza te, jghid lil ta' fuqu u joffrilhom tazza wkoll. Huwa qal li hadd ma amonieh li dan jista' jwassal ghal tkeccija u kull sena fil-performance appraisal kien jinghata tifhir fuq xogholu. Qal ukoll li waqt il-meeting li matulu nfurmah li se jitterminawh offrewlu li jtuh ittra ta' rakkomandazzjoni biex jimpjega ruhu ma' haddiehor. Ghall-mistoqsija tat-tribunal x'jahseb li wassal ghal dan kollu, ix-xhud qal li ma jafx ezatt imma jista' jkun li biex jiffrankaw il-flus ghax hu kien ilu hemm u l-paga tieghu lehqet gholiet u min issostitwih jithallas anqas, jew ghall-fatt li hu omosesswali ghax l-erbgha li tkeccew dakinhar, kollha kellhom l-istess akkuza kienu fil-fatt ta' l-istess orjentazzjoni sesswali tieghu.

**GINA VELLA**, bhala Manager Arkadia Marketing ikkonfermat li l-impjiegati li bhala stackers li gew ingaggati wara t-tterminazzjoni tar-rikorrent, kienu fil-bicca l-kbira b'kuntratt definit ta' 3 xhur, u kkonfermat li minn kif juru l-provi huma inqas favorevoli u fuq bazi part-time minn dawk li kienu jgawdi r-rikorrent li kien impjegat fuq bazi full-time u b'kuntratt definit.

### Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz

**Dr. Andrew Borg Cardona** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata ibbaza l-argumenti tieghu fuq il-fatt li l-evidenza li ntweriet turi li l-mizuri li hadet il-kumpanija kienu gustifikati u dan meta wiehed jezamina l-ispredshheets fejn juru li r-rikorrent kien assenti minn fuq il-post tax-xoghol. Il-fatt li nghataw opportunita' jirrezenjaw, kompla Dr. Borg Cardona juri li nghataw l-opportunita' jiddefendu rwiehom. Dr. Borg Cardona huwa wkoll tal-fehma li mhix jwistjoni li s-Socjeta' ntimata trid tiffranka l-flus, ghax l-Arkadia hija kumpanija kbira b'diversi siti u diversi mpjegati.. Huwa qal ukoll li kumpanija ma' tkecciex bl-addocc impjegati ghax taf li trid tiehu zmien u tinvesti fit-tahrig tal-haddiema l-godda u trid ukoll tiehu zmien biex tibda tafdahom.

**Dr. Franco Galea** ghan-nom tar-rikorrent beda billi qal li l-provi li ghandna quddiemna huma aktar allegazzjonijiet milli provi. Dan ghax, kompla Dr. Galea li fejn ingabet spreadsheet bil-hinijiet, mhix l-originali kif ddikjara li ghamel ix-xhud li mexxa dan l-

ezercizzju. Ix-xhud ikkonferma li l-originali hu stess iddistruggihom u mix-xhieda tieghu hareg car li mhux kapaci jdahhal informazzjini fuq excel sheet. Dr. Galea qal ukoll li dan l-ezercizzju ma sarx fuq kulhadd, kif ukoll waqt il-bord tad-dixxiplina l-anqas ma intwerew filmati li jikkonfermaw l-iskartar. Dr. Galea qal li dan xorta huwa Tribunal tal-Ligi u kulhadd ghandu jigi stmat indaqs quddiem il-ligi. Ghaldaqstant, skond Dr. Galea, li kumpanija tkun kbira u b'sahhitha ma jfissirx li ghandu jkollha xi privileggi. Huwa ssemma wkoll li rigward training li s-socjeta' jkollha titghabba bih meta tingagga haddiema godda, mhuwiex il-kaz hawnhekk, ghax f'dan il-kaz biex taghmel xoghol ta' stacker ma jirrikjedix xi tahrig fenomenali.. Dr. Galea rrefera wkoll ghall-fatt li l-appraisal forms li harget is-socjeta' ghar-rikorrent hija favorevoli u ma tindikax fiha xi abbuz fl-ghagir tieghu waqt il-qadi ta' dmirijietu. Dr. Galea fakkar kif l-appraisal form f'dan il-kaz saret mill-Employer stess u mhux bhal meta wiehed jaghmel self-appraisal u joqghod ifahhar lilu nnifsu.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ried jistabbilixxi jekk dak li allegatament sofra l-Appellant, it-tmiem ta' l-impjieg kienx ghal raguni gusta u valida skond il-ligi.

Tenut kont ta' ghaxar fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz, cioe:

Li l-esponent kien ilu mpjegat mas-socjeta' ghal kwazi hdax –il sena

Li fl-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu qabel ma gie tterminat gie offrut li jirrezenja, liema rezenja qabel maghha, wara biddel fehmtu u ghat-theddida li fin-nuqqas ta' dan se jitkecca, rega' rrikorra ghal rezenja volontarja, liema rezenja ghal dan it-Tribunal hi meqjusa bhala tkeccija b'Decizjoni Preliminari Nru: 2478, ta' dan l-istess Tribunal;

Li fl-assenza ta' kuntratt tax-xoghol il-haddiema jinghataw Manual kif epprezentat lil dan it-Tribunal li jesigi fi klawsola 38 l-proceduri ta' dixxiplina huma: elenku ta' x'jista' jwassal ghal twissija verbali, twissija bil-miktub jew tkeccija ghal gross misconduct u x'inhu kkunsidrat gross misconduct;

Li l-esponent minkejja li nhargitlu warning f'Awwissu tas-sena 2015, l-HR Manager tal-istess socjeta' ghamlitlu ittra ta' rakomandazzjoni in segwitu ghat-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol, biex jiffavorixxi ruhu fit-tiftix ta'impjieg iehor;

Li l-appraisal form, sa l-aktar wahda ricenti qabel it-terminazzjini kienet wahda favorevoli ghar-rikorrent u mahruga mill-istess Socjeta';

Li huwa car mill-provi li l-porcess ta' dixxilpina kien nieqes minn kull sens ta' gustizzja ghar-rikorrent, u fejn ma nghatax cans adekwat jiddefendi lilu nnifsu;

Li l-ezercizzju li sar fuq ir-rikorrent u l-kumplament ta' shabu f'dik il-gurnata li wassal ghat-tmiem tal-impjieg, fil-fatt ma sarx fuq il-haddiema kollha, izda dan it-Tribunal huwa tal-fehma li fuq min sar kien minn qabel intenzjonat li jigi tterminat;

Li mill-provi migjuba ma jirrizultax li kien hemm ksur ta' xi regoli fissi, imma jidher li kien hemm ammont ta' flessibilita' kif u fi x'hin jittiehdu l-breaks, matul dawn il-hdax –il sena;

Li waqt dan l-istess bord ta' dixxiplina, kull min kien prezenti minn naha tal-Management ma jaqblux bejniethom dwar l-andament tas-seduta tal-bord, li jidher li hadet ftit hin, u ma jaqblux kif tmexxiet u kif fil-fatt ittiehdet id-decizjoni;

Li filwaqt li s-Socjeta' tterminat l-impjieg fuq allegat gross misconduct, l-istess Socjeta' f'ittra datata 29 ta' Jannar, 2016 tiddikjara li kien haddiem li dejjem mexa b'mod kuxjenzjuz u jmur direttament kontra l-allegat ta' skartar li fuqu ntemm fil-25 ta' Jannar 2016, dan f'ittra ta' referenza li nghatat lir-rikorrent biex ikun jista' jsib impjieg iehor.

**Decizjoni**

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ghagir li nstiga t-tkeccija veru u proprju, gej mill-fatt li r-rikorrent kien ilu snin impjegat u mhux facli toltera l-kuntratt ta' mpjegat b'tul ta' snin, u li gie rimpjantat b'impjegat/i b'hafna anqas snin mal-kumpanija. It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll li minkejja x'hemm imnizzel fil-Manual, ma sar l-ebda process ta' dixxiplina san, meta wiehed jikkonsidra li minghajr ma gie avzat biex jipprepara ruhu sew jew itella' mieghu min jirrapprezentah, issejjah ghall-gharrieda u gieipprezentat b'akkuzi bbazati fuq ezercizzju li hu evidenti li ma sarx fuq kulhadd izda kien intenzzjonat li jikkonferma decizjoni li kienet diga ttiehdet. Dan it-Tribunal jemmen li l-ezercizzju li minnu nnifsu mhu serju xejn, sar biss biex ikun skuza ghala ghandhom jigu tterminati numru ta' mpjegati fosthom ir-rikorrent u ghaldaqstant il-process kien mill-bidu net process ivvizzjat. Bhal ma qal diversi drabi dan it-Tribunal, jerga' jtenni l-importanza ta' process serju ta' dixxiplina li kull impjegat ghandu dritt ghalih, aktar u aktar meta quddiem dan it-Tribunal irrizulta d-dedikazzjoni u tul ta' snin ta' servizz u lealta' lejn is-Socjeta' Ntimata. Dan it-Tribunal jinnota wkoll ksur flagranti ta' Artiklu 36 (10), tal-Kap 452 tal-Ligi ta' Malta. Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-Terminazzjoni kienet wahda ngusta u bi ksur tal-ligi. F'dan il-kuntest it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' tnax– il elf, disa' mija u erba' ewro u sittax –il centezmu (€12,904.16), li ghandhom jithallsu fi zmien xahar mil-lum.

Ghall-finijiet ta' l-avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax – il centezmu (€93.17)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

Vera Kopja

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju